MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## GRIMA EDWINA

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1665/2002

***Western Company Limited***
***Vs***
***Charlot Baldacchino***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Lulju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u erbgha u sittin liri Maltin u erbghin centezmu (Lm1064.40c) rappresentanti l-import ta' tnax-il kambjala ta' Lm88.70 kull wahda, li mmatturaw fit-13 ta' kull xahar bejn Frar 2001 u Jannar 2002.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' l-avviz u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-maturita ta' kull kambjala, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut kontumaci, debitament notifikat, deher ghas-seduta tas-27 ta' Settembru 2002 u gie awtorizzat jipprezenta r-risposta tieghu fir-rigward tat-talba attrici fi

zmien gimgha, liema risposta, madanakollu huwa baqa' ma pprezentax.

Ra illi l-konvenut u d-difensur tieghu baqghu ma dehrux ghas-seduta tal-21 ta' Ottubru 2002.

Sema' x-xhieda ta' John Sultana ghan-nom tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u erbgha u sittin liri Maltin u erbghin centezmu (Lm1064.40c), bl-imghaxijiet mid-data tal-maturita tal-kambjalijiet.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' l-avviz ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**